SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 4911**

Illum it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello.

**ASSENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-Kunsilliera Paulette Gafa` infurmat permezz ta' *e-mail* li kienet ma tiflaħx u ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa u li ser tkun imsiefra bejn is-7 u l-15 ta' Frar 2011.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4810 li saret nhar it-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2010 ġew moqrija u approvati.

**1.1** ***Mill-Minuti***

**1.1.1** Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 4.9 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kinitx saret talba lill-Awtorita' Dwar it-Trasport biex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Fuxa. Is-Sindku nforma li l-perit qed ilesti l-pjanta għal din il-proposta.

**1.1.2** Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet dwar ix-xogħol ta' *major patching* fi Triq Katerina Vitale kantuniera ma' Triq il-Fortizza. Is-Sindku qal li x-xogħol ser jibda hekk kif jitlestew il-permessi meħtieġa. Ġie nnutat li jrid isir avviż lir-residenti u tiġi nfurmata l-iskola St. Benedict College Sta Lucia Girls' Junior Lyceum.

**1.1.3** Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-librerija pubbika. Is-Sindku wieġeb li kellu laqgħa mas-Sinjura Doreen Grech Scerri u ġie kkonfermat li l-kera ta' €10 kuljum hija fissa għall-ewwel tlett snin. Huwa qal ukoll li n-nutar qed ilesti l-kuntratt ta' din il-kirja.

## 2. KORRISPONDENZA

**2.1** ***Listi***

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-7 ta' Diċembru 2010 u l-10 ta' Jannar 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

**2.2** ***Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill***

**2.2.1** ***Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- 1572/10/O – Parks – Siġar li tneħħew f'Santa Luċija
- 1623/10/O – Traffic Management Unit – Reviżjoni tas-sistema tat-traffiku f'Santa Luċija
- 0002/11/O – Traffic Management Unit – *Road humps* fi Triq Katerina Vitale
- 0003/11/O – A. Falzon - Żbir eċċessiv tas-siġar

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1585/10/I – Meusac – *letter of appeal*
- 1593/10/I – ADT – *Road hump* fi Triq il-Pensieri kantuniera ma' Triq Għeneb id-Dib
- 1596/10/I – Planning Authority – *Urban Improvement Fund*
- 1598/10/I – Resident – Ambjent
- 1601/10/I – Uffiċċju tal-Prim Ministru – Konferenza Ġemellaġġi
- 1609/10/I – Transport Malta – *Reserved Parking*
- 0013/11/I – Resident – *Temporary Removal of bracket*
- 0015/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 2/2011: Proċess ta' *Digital Switchover*
- 0028/11 - Robert Galea – *Fitness Classes*
- 0033/10/I – St Benedict College – *Job Exposure Week*
- 0039/11/I –Malta Council for Culture and the Arts – *Cultural Calendar*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1585/10/I is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni għal fondi mill-ERDF-*Tourism* li għaliha l-Kunsill ma ngħatax fondi. Huwa qal li kien hemm il-ħsieb li l-Kunsill bl-għajnuna tal-Meusac kien ser jappella għal din id-deċiżjoni. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill ġie nfurmat li dan il-fond kien biss ta' €2 miljun għaldaqstant kien kompetittiv ħafna.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1593/10/I saret referenza għal proposta li l-Kunsill għamel lill-ADT biex issir *rubber hump* fi Triq il-Pensjeri kantuniera ma' Triq Għeneb id-Dib. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Awtorita' Dwar it-Trasport ma tagħtx l-approvazzjoni għal din il-proposta għax qalet li hemm ħafna toroq simili u għaldaqstant il-proposta trid tkun waħda li tapplika għal dawn it-toroq kollha.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1596/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-fondi taħt l-*Urban Improvement Fund* għal Kunsill ta' Santa Luċija sa l-aħħar ta' Ottubru 2010 kien ta' €1886.80.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1598/10/I il-Kunsill iddiskuta lment ta' resident dwar il-vetturi li jwasslu l-merkanzija fil-ħwienet u jħallu l-mutur tal-vettura jixel u jidħol ħafna *exhaust* fit-twieqi tan-nies. Ġie nnutat li meta dawn il-vetturi jkollhom il-*freezer* fihom ma jkunux jistgħu jitfu l-magna. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkellem lil Authorised Officer dwar dan l-inkonvenjent.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1601/10/I is-Sindku nforma li l-Konferenza Ġemellaġġi ġiet postposta għal bidu ta' April 2011. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel l-arranġamenti meħtieġa ta' l-akkomodazzjoni għal mistiedna mill-lokalitajiet li magħhom il-Kunsill għandu ġemellaġġ.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1609/10/I ġiet diskussa applikazzjoni li saret lil Transport Malta għar-*reserved parking*. Il-Kunsill qabel li jkellem lil applikant ħa jara r-raġuni għala qed issir din l-applikazzjoni.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0013/11/I il-Kunsill ġie nfurmat dwar talba biex titneħħa temporarjament *bracket* tad-dawl fi Triq Maria De Domenicis. Is-Sindku qal li din it-talba tirrigwarda dar li ser tiġi mwaqqa'. Huwa qal ukoll li quddiem din id-dar sar arblu mill-Enemalta biex miegħu tpoġġew il-*wires* kollha li kien hemm ma' din id-dar. Huwa kompla jgħid li dan ix-xogħol sar mingħajr ma ġie nfurmat il-Kunsill. Huwa qal li kien ser joġġezzjona mar-rappreżentant ta' l-Enemalta li għandu jiltaqa' miegħu fil-ġranet li ġejjin.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0015/11/11 il-Kunsill qabel li jsiru laqgħat ta' informazzjoni għar-residenti dwar il-proċess ta' *digital switchover*.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0028/11/I il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' Robert Galea dwar proposta ta' *fitness classes* għar-residenti.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0033/10/I il-Kunsill ma sab l-ebda oċċezjoni biex jinġiebu studenti mill-Kulleġġ San Benedittu għal *Job Exposure Week*.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 39/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li The Malta Council for Culture and the Arts qed jitlob informazzjoni dwar attivitajiet tal-Kunsill minn April sa Ġunju 2011.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Stumbs tas-Siġar fil-Bicycle Track*

Is-Sindku rrefera għas-siġar li tneħħew mill-*Bicycle Track* u qal li ntbagħtet ittra biex jitneħħew l-i*stumps* tas-siġar peress li dawn huma bil-ponta u ta' periklu għal min juża dan it-*track*. Huwa qal li l-ittra ntbagħtet fid-9 ta' Diċembru 2010 u għadu ma sar xejn. Il-Kunsill qabel li jekk dan ix-xogħol ma jsirx sa nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Jannar 2011 il-Kunsill iqabbad kuntrattur privat u jibgħat il-kont lil Parks.

### 4.2 *Road humps fi Triq Katerina Vitale*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet reġgħat inbagħtet ittra lit-Traffic Management Unit fejn il-Kunsill reġa' saħaq fuq il-bżonn li jsiru *road humps* fi Triq Katerina Vitale fejn issemma wkoll l-inċident tat-traffiku li kien hemm dan l-aħħar f'din it-triq.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3373 sa numru BOV3400 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru CM49(01).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4810.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Diċembru 2010 Ammont *Gross* €9445.91

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.<br>Diċembru 10 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv.<br>Novembru 10 | 2707.50 |
| Clng. Serv. Dept. | PC57 | Serv.<br>Diċembru 10 | 507.73 |
| Ronald bezzina | (SS)57/09/01 | Serv.<br>Novembru 10 | 1131.53 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX *Council*<br>Novembru 10 | 95.69 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF<br>(57/09/02) | 853-857 | 4786.01 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv.<br>Diċembru 10 | 2788.25 |
| Ronald Bezzina | (SS) 57/09/01 | Serv.<br>Diċembru 10 | 1131.53 |

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir nhar is-Sibt, 29 ta' Jannar 2011 fil-*basement* tal-Knisja Parrokkjali fid-9.15a.m. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jħejji Rapport Amministrattiv u Pjan ta' Ħidma biex jiġu ppreżentati waqt il-laqgħa.

## 7. SKEMA RIĠENERAZZJONI F'OQSMA TAL-BINJIET TAL-GVERN

Il-Kunsill iddiskuta l-iskema ta' riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li jħejji proposta li tkun tinkludi l-proġett biex jinxtegħl il-*Jogging Track* bl-LED *lighting*. Il-proposta għandha tinkludi wkoll korsijiet ta' *fitness* u edukazzjoni dwar is-saħħa għal ħajja aħjar tar-residenti.

## 8. PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Il-Kunsill approva l-*appraisal report* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-*performance bonus* bir-rata ta' 10%.

## 9. XOGĦOLIJIET

### *9.1 Manutenzjoni ta' Toroq*

Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' *major patching* li huwa mistenni li jibda fil-ġranet li ġejjin u ppropona li kif ikun hawn il-kuntrattur issir ukoll Triq iż-Żafran. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 10. TMIEM

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar is-Sibt, 5 ta' Frar 2011 fit-8.30a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum <u>is-Sibt, 5 ta' Frar 2011</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**